**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LLM. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 20 ta` Marzu, 2018**

**Talba Nru: 336/2017PA**

**Lucienne Carabott**

**vs**

**Simon Bartolo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-1 ta` Awissu 2017 li permezz tiegħu l-attriċi talbet il-ħlas ta` bilanċ ta` tlett elef u tmien mitt Ewro (€3,800) mis-somma ta` erbat elef, ħames mija, wieħed u tmenin Ewro (€4,581) rappreżentanti sehem il-konvenut mill-ispejjeż mediċi u edukattivi tal-minuri ulied il-partijiet, inkorsi mis-26 ta` Novembru 2014 sat-12 ta` Ġunju 2017 dovuti skond l-artikolu 8 tal-ftehim li jifforma parti integrali mid-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mogħti fl-24 ta` Novembru 2010, bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjeż kontra l-konvenut li hu minn issa nġunt in subizzjoni.

Ra d-dokument anness mal-Avviż tat-Talba konsistenti fi skeda bil-kalkolu tal-ammont mitlub, flimkien ma' kopja tal-ħlasijiet li l-attriċi rċeviet sallum mingħand il-konvenut akkont tal-ammont dovut, u lista bi spjegazzjoni u b'kopja ta` ħamsa u sebgħin

(75) riċevuta ta` ħlasijiet edukattivi, flimkien ma' lista bi spjegazzjoni u b'kopja ta` sittin (60) riċevuta ta` ħlasijiet ta` natura medika, li tagħhom qed jintalab rimbors.[1]

Ra r-Risposta tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda billi (i) huwa dejjem ħallas skond l-obbliġi tiegħu kif ser jiġi pruvat; (ii)) mingħajr preġudizzju, ir-rikorrenti lanqas biss preżentat ebda dokument biex tissostanzja jew issaħħah it-talba tagħha, u għalhekk jirriżerva d-dritt li jressaq difiżi ulterjuri wara li jiġu ppreżentati d-dokumenti; (iii) mingħajr preġudizzju, ir-rikorrenti tippretendi ħlasijiet ta` affarijiet u oġġetti li jiffurmaw parti integrali mill-manteniment li l-esponenti dejjem ħallas; (iv) ħafna mill-ispejjeż saru mingħajr il-kunsens tal-eċċepjent, tant li anke bidlitilhom l-iskola mingħajr il-kunsens tiegħu; (v) jekk hemm riċevuti li l-attriċi tippretendi rimbors tagħhom, li pero` ma tħallsux, dawn għandhom jitnaqqsu; (vi) l-eċċepjent m'għandux ibati spejjeż.

Sema' x-xiehda tal-partijiet.

Ra d-dokumenti l-oħra ppreżentati minnhom.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Bis-saħħa ta` digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta` Novembru 2010[2], il-Qorti approvat ftehim bejn il-partijiet kontendenti f'din il-kawża dwar il-kura u l-kustodja u l-manteniment ta` uliedhom minuri Karl u Sara Bartolo. Il-konvenut obbliga ruħu li jħallas lill-attriċi s-somma ta` mitejn u tmenin Ewro (€280) kull xahar għall-bżonnijiet tagħhom, flimkien ma' *'nofs l-ispejjeż kollha mediċi tal-minuri'*[3] u

[1] Fol.3 sa 150
[2] Fol.165
[3] Fol.164

*b'effett minn Awissu tas-sena elfejn u erbatax (2014), jħallas nofs l-ispejjeż kollha edukattivi tal-minuri u dan fi żmien ġimgħa minn meta l-omm tippreżentalu r-riċevuta*`.[4]

Il-**konvenut Simon Bartolo**[5], imressaq mill-attriċi bħala xhud tagħha, qal li huwa jqis li għandu jħallas l-ispejjeż li indika bħala *'Reasonable'* fl-iskedi ppreżentati minnu (fol.167 et seq.) u li m'għandux iħallas l-ispejjeż li nkluda fil-kolonna *'Disagreeable'* fuq l-istess dokument. Qal li r-riferenza għad-data tal-20 ta` Ottubru 2016 fl-istess dokument tirreferi għall-jum minn meta l-attriċi kellha tinvolvih fid-deċiżjonijiet dwar l-edukazzjoni u s-saħħa, pero` baqgħet ma għamlitx dan. Huwa lmenta li ma jafx x'kienu l-ispejjeż indikati bħala *'dental'* mill-attriċi, u li għadu sal-lum ma jafx għalxhiex saru. Qal li l-bażi tal-oġġezzjoni tiegħu għall-ħlas hija filfatt in-nuqqas li l-attriċi tinvolvih fid-deċiżjonijiet biex saru daw l-ispejjeż. Qal li qed joġġezzjona li jħallas għal-*lozengenes* għaliex l-attriċi xtrat kwantita` kbira minnhom, u uliedu qaluli li ma jeħdux minnhom.

Fix-xiehda tagħha, l-**attriċi Lucienne Carabott**[6] spjegat li l-ispejjeż dentali saru kollha għal mili ta` dras tal-ulied, u li saru meħtieġa minħabba li t-tfal kienu qed ibatu mill-konsegwenżi tat-tħassir, u s-servizz mhux offrut mill-Istat. Dwar il-*lozengenes*, qalet li tixtri kwantita` minnhom għaliex mħumiex mediċinali, u tagħti minnhom regolarment lit-tfal l-iskola kuljum.

In kontro-eżami[7], l-attriċi ammettiet li ma kkonsultatx lill-konvenut qabel għamlet l-infiq li dwaru qed jintalab rimbors. Dwar il-prodott *White Sanex Nature Protect*, l-attriċi qalet li dan xtratu għall-minuri binha fuq direzzjoni tal-ispiżjara. Dwar il-prodott *Leukopor on Spool*, l-attriċi spjegat li dan tużaħ għat-tifel biex tgħattilu għajnejh għal nofs siegħa kuljum, minħabba li għandu kundizzjoni f'għajnejh.

---

[4] *Ibid*.
[5] Ara xiehda, 10.01.2018, fol.321 sa 322
[6] Ara xiehda, 10.01.2018, fol.323 sa 324
[7] Ara xiehda, 14.02.108, fol.337 sa 338

L-attriċi ppreżentat ukoll kopja tad-digriet[8] mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta` Novembru 2016, fuq talba tal-attur imressqa fl-20 ta` Ottubru 2016, li permezz tiegħu ordnat li d-deċiżjonijiet dwar saħħa u edukazzjoni ta` natura straordinarja jittieħdu miż-żewġ ġenituri flimkien.

Meta xehed minn jeddu[9], il-**konvenut Simon Bartolo** ddikjara li huwa jara lill-uliedu regolarment. Huwa sostna li ma jidhirlux li huwa ġust li jikkontribwixxi għall-ispejjeż li mmarka bħala *'Disagreeable'* għaliex ma ġiex ikkonsultat dwarhom, qabel saru, u għaliex ħafna minnhom huma indikati ġenerikament, mingħajr dettalji ta` x'verament huma. Qal li ma jaqbilx li jikkontribwixxi għal rigali li l-attriċi tixtri għall-minuri, u semma l-Wimpy Kids Books.

Il-konvenut xehed li l-attriċi għandha t-tagħrif kollu meħtieġ biex tikkomunika miegħu, pero` qatt ma tagħmel dan.

Fuq domanda tat-Tribunal, il-konvenut spjega li ħu oġġezzona li t-tfal jinħarġu mill-iskola tal-Istat u jintbagħtu fi skola tal-knisja, għaliex hu għamel żmien jaħdem fi skejjel tal-Istat u ma għandu xejn kontrihom. Qal li mhux ġust li l-attriċi daħħlitu f'din l-ispiża żejda. Huwa aċċetta li diġa' tilef żewġ kawżi oħra b'mertu simili għal din, u ma appellax minnhom.

Ikkunsidra wkoll li:

Din hija kawża li l-attriċi qed tagħmel kontra l-konvenut għar-rimbors ta` sehmu mill-ispejjeż addizzjonali, ta` natura edukattiva jew medika, inkorsi fl-interess tal-ulied komuni, li huwa obbliga ruħu li jħallasha bi żieda mal-manteniment li jħallasha mensilment.

[8] Fol.325 sa 327
[9] Ara xiehda, 14.02.2018, fol.339 sa 341

Kif ġa ingħad, il-konvenut jaċċetta li għandu ordni ġudizzjarja li jħallas *'nofs l-ispejjeż kollha*[10] *mediċi tal-minuri'*[11] u *b'effett minn Awissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) ... nofs l-ispejjeż kollha*[12] *edukattivi tal-minuri u dan fi żmien ġimgħa minn meta l-Omm tippreżentalu r-riċevuta`.*[13] Huwa ma ressaq ebda prova ta` xi varjazzjoni f'din l-ordni, għalkemm aċċenna għall-ordni sussegwenti li tat l-istess Qorti biex id-deċiżjonijiet straordinarji ta` natura edukattiva jew medika, li jirrigwardjaw lill-minuri, jittieħdu mill-ġenituri flimkien.

Il-konvenut jammetti li għandu jħallas lill-attriċi sehmu minn total ta` €967.43ċ spejjeż mediċi, u €1,257.75ċ spejjeż edukattivi, u li lill-attriċi sallum għaddhielha biss żewġ pagamenti ta` €435 fis-sena 2015 u €356 fis-sena 2016. Il-maġġoranza tal-ispejjeż mediċi li joġġezzjona għalihom (€700) huma miżati ta` dentist, li jgħid li saru mingħajr il-kunsens tiegħu, u li qabel xehdet l-attriċi f'din il-kawża ma kienx jaf għalfejn saru. Il-maġġoranza tal-ispejjeż edukattivi li joġġezzjona għalihom (€6,017) huma l-miżati u l-ispejjeż tat-trasport għall-iskola taż-żewġ minuri.

Wara li ra l-provi dokumentali kollha mressqa mill-partijiet, u sema' x-xiehda tagħhom, it-Tribunal isib li l-konvenut ma kellux raġuni tajba biex ma jirrifondix lill-attriċi nofs l-ispejjeż edukattivi u mediċi reklamati minnha, u wisq anqas li jibqa' ma jħallashiex sehmu mill-ispejjeż li jirrikonoxxi u jaċċetta minn jeddu li kellu jħallas nofshom. Il-konvenut m'għandux l-iskuża li mhux jara lil uliedu, jew li m'għandux komunikazzjoni jew relazzjoni magħhom, jew li jinsab fl-impossibilita` li jaċċerta ruħu mill-bżonnijiet tagħhom. Fuq domanda tat-Tribunal, huwa ddikjara li jarahom regolarment, u allura t-Tribunal jifhem li minn żmien għal żmien jista` jivverifika huwa stess il-bżonnijiet tagħhom, kemm mediċi u anke edukattivi.

It-Tribunal ma jemminx li l-oġġezzjoni tal-konvenut hija motivata sempliċement min-nuqqas tal-attriċi, ammess minnha stess quddiemu, li ma tikkonsultax lill-konvenut,

[10] Enfasi tat-Tribunal
[11] Fol.164
[12] Enfasi tat-Tribunal
[13] *Ibid*.

u lanqas tgħarrfu minn qabel, bl-ispejjeż straordinarji li tkun ser tinkorri fl-interess tal-ulied minuri. It-Tribunal fehem li, fil-verita`, il-konvenut qed joġġezzjona għat-talba tal-attriċi minħabba interessi finanzjarji, u dan jiddeduċieh b'mod partikolari mir-rifjut tal-konvenut li jaċċetta li l-ulied jintbagħtu fi skola tal-knisja, fejn is-servizzi edukattivi ma jingħatawx kollha b'xejn, bħal fi skola tal-Istat, u aktar mir-rifjut tiegħu li jikkontribwixxi għall-ispejjeż ta` kotba *żejda* li l-attriċi tagħżel li tixtri għall-ulied. Din l-oġġezzjoni ċertament m'għandhiex minn xi raġuni tajba u biżżejjed li timmotiva n-nuqqas tiegħu li jaderixxi mal-obbligazzjoni li kkuntratta favur l-attriċi, sanzjonata bid-deċiżjoni tal-Qorti kompetenti tal-24 ta` Novembru 2014. It-Tribunal jinnota fl-istess waqt li (i) il-konvenut qed jikkontribwixxi biss €140 kull xahar għall-ispejjeż korrenti tal-għixien, ikel, ilbies u bżonnijiet ta` kuljum tal-minuri; u (ii) il-konvenut aċċetta u ntrabat, b'rieda ħielsa, li jħallas nofs l-ispejjeż **kollha** għall-edukazzjoni u s-saħħa tagħha, bl-obbligu tal-kontribut tiegħu għall-ispejjeż edukattivi tagħhom jibda biss fis-sena 2014, u ċioe meta l-ulied it-tnejn laħqu bdew l-iskola primarja.

Mill-banda 'l oħra, it-Tribunal iħoss li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-attriċi, partikolarment fid-dawl tad-digriet mogħti mill-Qorti kompetenti fit-8 ta` Novembru 2016, li hija obbligata tinforma lill-konvenut b'kull bżonn straordinarju li jidhrilha li jkollhom il-minuri uliedhom, u filwaqt li tgħarrfu bil-ħsibijiet tagħha, tagħtih l-opportunita` jressqilha l-posizzjoni tiegħu, qabel tgħaddi biex tieħu d-deċiżjonijiet u tinkorri l-ispejjeż li jidhrulha meħtieġa fl-interess tagħhom. B'hekk il-konvenut ikollu opportunita` sħiħa li jieħu l-passi ġudizzjarji opportuni biex jimpedixxi azzjonijiet li jidhirlu li ma jkunx fl-interess tal-minuri uliedu. Dana premess, wara li fela l-ispejjeż kollha li tagħhom l-attriċi qed titlob rimbors, it-Tribunal huwa moralment konvint li kollha saru fl-aħjar interess tal-minuri, inkluż l-ispejjeż dentali u l-ispejjeż edukattivi fl-iskejjel tal-knisja, u li għalhekk il-konvenut la kellu dakinhar, u lanqas għandu llum, raġuni tajba biex ma jikkontribwixxix sehmu minnhom.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, jilqa' t-talba tal-attriċi u

konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` tlett elef u tmien mitt Ewro (€3,800), bl-ispejjeż u bl-imgħax kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**